SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

26 ta' Lulju 2017*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja – Aċċess għall-ġustizzja f'tilwimiet transkonfinali – Direttiva 2003/8/KE – Regoli komuni minimi dwar l-għajnuna legali għal tali tilwim – Kamp ta' applikazzjoni – Leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprevedi n-natura mhux rimborsabbli tal-ispejjeż ta' traduzzjoni ta' dokumenti konnessi neċessarji għat-trattament ta' talba għal għajnuna legali"

Fil-Kawża C-670/15,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Bundesarbeitsgericht (qorti federali tax-xogħol, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tal-5 ta' Novembru 2015, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-15 ta' Diċembru 2015, fil-proċedura mressqa minn

Jan Šalplachta,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn J. L. da Cruz Vilaça, President tal-Awla, A. Tizzano (Relatur), Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja, M. Berger, E. Levits u F. Biltgen, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Szpunar,

Reġistratur: K. Malacek, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tad-9 ta' Novembru 2016,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal J. Šalplachta, minn K. Jurisch u P. Probst, avukati,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn M. Hellmann u T. Henze kif ukoll minn J. Mentgen, bħala aġenti,

— għall-Gvern Ċek, minn L. Březinová kif ukoll minn M. Smolek u J. Vláčil, bħala aġenti,

— għall-Gvern Spanjol, minn M. Sampol Pucurull, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. Heller kif ukoll minn M. Wilderspin, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-1 ta' Frar 2017,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 1 u 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/8/KE, tas-27 ta' Jannar 2003, biex ittejjeb l-aċċess għall-ġustizzja f'tilwimiet bejn il-konfini billi tistabbilixxi regoli komuni minimi konnessi ma' għajnuna legali għal tilwimiet bħal dawn (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 90).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' proċedura mressqa minn Jan Šalplachta fir-rigward tal-ħlas tal-arretrati fuq is-salarju fil-konfront ta' Elektroanlagen & Computerbau GmbH, il-kumpannija li kienet timpjegah.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Skont il-premessi 5, 6, 18 u 23 tad-Direttiva 2003/8:

"(5) Din id-Direttiva tfittex li tippromwovi l-applikazzjoni ta' għajnuna legali f'tilwimiet bejn konfini għal persuni li m'għandhomx riżorsi biżżejjed fejn għajnuna tkun meħtieġa biex ikun żgurat aċċess effettiv għal ġustizzja. Id-dritt ġeneralment irrikonoxxut għal aċċess għal ġustizzja huwa wkoll irriaffermat bl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea.

(6) La n-nuqqas ta' riżorsi tal-litigant, kemm jekk jaġixxi bħala kwerelant jew bħala konvenut, lanqas id-diffikultajiet ikkawżati mid-daqs tat-tilwima bejn konfini m'għandhom ifixklu l-aċċess effettiv għal ġustizzja.

[…]

(18) Il-komplessita ta' u d-differenzi bejn is-sistemi legali ta' l-Istati Membri u l-ispejjeż inerenti fid-dimensjoni ta' bejn konfini ta' tilwima m'għandhomx jipprekludu aċċess għal ġustizzja. Għajnuna legali għandha għalhekk tkopri l-ispejjeż konnessi direttament mad-dimensjoni ta' bejn konfini ta' tilwima.

[…]

(23) Ladarba għajnuna legali tingħata mill-Istat Membru li fih il-qorti hija kkostitwita jew fejn jintalab l-infurzar, ħlief assistenza qabel il-litigazzjoni jekk l-applikant għal għajnuna legali mhux iddomiċiljat jew residenti abitwali fl-Istat Membru fejn il-qorti huwa kkostitwit, dak l-Istat Membru għandu japplika l-leġislazzjoni proprja, b'konformita mal-prinċipji ta' din id-Direttiva."

4 L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2003/8, intitolat "Għanijiet u kamp ta' applikazzjoni", jistabbilixxi:

"1. Il-fini ta' din id-Direttiva huwa li ttejjeb l-aċċess għal ġustizzja f'tilwimiet ta' bejn konfini billi tistabbilixxi regoli komuni għal għajnuna legali f'tilwimiet bħal dawn.

2. Hija għandha tapplika, f'tilwimiet ta' bejn konfini, għal materji ċivili u kummerċjali tkun xi tkun in-natura tal-qorti jew tribunal. Hija ma testendix ruħha, b'mod partikolari, għal materji ta' introjtu, doganali jew amministrattivi.

3. F'din id-Direttiva, 'Stati Membri' għandha tfisser Stati Membri bl-eċċezzjoni tad-Danimarka."

5 L-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, intitolat "Tilwimiet ta' bejn konfini", jiddisponi:

"1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, tilwima ta' bejn konfini hija waħda fejn il-parti li tapplika għal għajnuna legali fil-kuntest ta' din id-Direttiva hija ddomiċiljata jew abitwalment residenti fi Stat Membru barra l-Istat Membru fejn il-qorti huwa kkostitwit jew fejn id-deċiżjoni għandha tkun infurzata.

2. L-Istat Membru li fih parti hija ddomiċijata għandu jkun iddeterminat skont l-Artikolu 59 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar tas-sentenzi tal-qorti f'materji ċivili u kummerċjali [ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42].

3. Il-mument relevanti li jiddetermina jekk kienx hemm tilwima ta' bejn konfini huwa l-ħin meta l-applikazzjoni tkun sottomessa, skont din id-Direttiva."

6 L-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Dritt għal għajnuna legali", huwa redatt kif ġej:

"1. Persuni naturali involuti f'tilwima koperta b'din id-Direttiva għandhom ikunu intitolati biex jirċievu għajnuna legali xierqa biex jiżguraw l-aċċess effettiv għal ġustizzja tagħhom skond il-kondizzjonijiet preskritti f'din id-Direttiva.

2. Għajnuna legali hija kkonsidrata xierqa meta tiggarantixxi:

(a) parir qabel il-proċess bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim qabel jinbdew il-proċedimenti ġudizzjarji;

(b) assistenza legali u rappreżentanza fil-qorti, u eżenzjoni mill-ispiża tal-proċeduri tar-riċevitur, jew assistenza fihom, inklużi l-ispejjeż li jirreferi għalihom l-Artikolu 7 u l-ħlasijiet lil persuni li għandhom mandat mill-qorti biex jeżegwixxu atti matul il-proċeduri.

Fi Stati Membri li fihom parti telliefa hija reponsabbli għall-ispejjeż tal-parti opposta, jekk ir-riċevitur jitlef il-każ, l-għajnuna legali għandha tkopri l-ipejjeż minfuqa mill-parti opposta, jekk kieku kellha tkopri spejjeż bħal dawn kieku r-riċevitur kien iddomiċiljat jew residenti abitwali fl-Istat Membru li fih il-qorti huwa kkostitwit.

[…]"

7 L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2003/8, intitolat "Kondizzjonijiet konnessi ma' riżorsi finanzjarji", jistabbilixxi, fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"1. Stati Membri għandhom jagħtu għajnuna legali lil persuni li jirreferi għalihom l-Artikolu 3(1) li huma parzjalment jew totalment mhux kapaċi jħallsu l-ispejjeż tal-proċeduri li jirreferi għalihom l-Artikolu 3(2) b'riżultat tas-sitwazzjoni ekonomika tagħhom, biex ikun żgurat aċċess effettiv għal ġustizzja.

2. Is-sitwazzjoni ekonimika ta' persuna għandha tkun stmata mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li fih il-qorti hija kkostitwita, fid-dawl ta' fatturi oġġettivi varji bħal introjtu, kaptital u sitwazzjoni familjari, inkluża stima tar-riżorsi tal-persuni li huma finanzjarjament dipendenti fuq l-applikant."

8 L-Artikolu 7 ta' din l-istess direttiva, intitolat "Spejjeż konnessi man-natura ta' bejn konfini tat-tilwima", jistabbilixxi:

"Għajnuna legali mogħtija fl-Istat Membru li fih il-qorti huwa kkostitwit għandha tkopri l-ispejjeż li ġejjin direttament konnessi man-natura ta' bejn konfini tat-tilwima:

(a) interpretazzjoni;

(b) traduzzjoni tad-dokumenti rekwiżiti mill-qorti jew mill-awtorità kompetenti u ppreżentati mir-riċevitur li huma meħtieġa għas-soluzzjoni tal-każ; u

(ċ) spejjeż ta' vvjaġġar li għandhom jitħallsu mill-applikant fejn il-preżenza fiżika tal-persuni kkonċernati mill-preżentazzjoni tal-każ ta' l-applikant hija rekwiżita fil-qorti bil-liġi jew mill-qorti ta' dak l-Istat Membru u dak il-qorti jiddeċiedi li l-persuni kkonċernati ma jistgħux jinstemgħu b'sodisfazzjoni għall-qorti b'xi mezzi oħra."

9 L-Artikolu 8 tad-Direttiva 2003/8, intitolat "Spejjeż koperti mill-Istat Membru tad-domiċilju jew residenza abitwali", jipprevedi:

"Stat Membru li fih l-applikant għal għajnuna legali huwa ddomiċiljat jew residenti abitwali għandu jipprovdi għajnuna legali, kif jirreferi għaliha l-Artikolu 3(2), meħtieġa biex tkopri:

(a) spejjeż konnessi ma' l-assistenza ta' avukat lokali jew xi persuna oħra intitolata bil-liġi li tagħti parir legali, minfuqa f'dak l-Istat Membru sakemm l-applikazzjoni għal għajnuna legali tkun irċevuta, skond din id-Direttiva, fl-Istat Membru li fih il-qorti huwa kkostitwit;

(b) it-traduzzjoni ta' l-applikazzjoni u d-dokumenti ta' sostenn meħtieġa meta l-applikazzjoni tkun issottomessa lill-awtoritajiet f'dak l-Istat Membru."

10 L-Artikolu 12 ta' din id-direttiva, intitolat "Awtorità li tagħti għajnuna legali", jiddisponi:

"Għajnuna legali għanda tingħata jew tkun irrifjutata mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li fih il-qorti huwa kkostitwit, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8."

11 L-Artikolu 13 ta' din id-direttiva, intitolat "Introduzzjoni u trasmissjoni ta' applikazzjonijiet ta' għajnuna legali", huwa redatt kif ġej:

"1. Applikazzjonijiet ta' għajnuna legali jistgħu jkunu ssottomessi kemm lil:

(a) l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li fih l-applikant huwa domiċiljat jew residenti abitwali (l-awtorità trasmittenti); kemm

(b) l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li fih il-qorti hija kkostitwita jew fejn id-deċiżjoni għandha tkun infurzata (awtorità riċevitur).

2. Applikazzjonijiet għal għajnuna legali għandhom jimtlew fi, u dokumenti ta' sostenn tradotti fi:

(a) l-lingwa uffiċjali jew waħda mil-lingwi ta' l-Istat Membru ta' l-awtorità riċevitur kompetenti li tikkorrispondi ma' waħda mil-lingwi ta' l-istituzzjonijiet tal-[Unjoni]; jew

(b) lingwa oħra li dak l-Istat Membru ikun indika li jista' jaċċetta skont l-Artikolu 14(3).

[…]

4. L-awtorità trasmittenti kompetenti għandha tgħin lill-applikant biex jiżgura li l-applikazzjoni tkun akkompanjata mid-dokumenti ta' sostenn kollha magħrufa minnu li huma rekwiżiti biex ikun possibbli li l-applikazzjoni tkun iddeterminata. Għandha wkoll tgħin lill-applikant biex jipprovdi kull traduzzjoni meħtieġa tad-dokumenti ta' sostenn, skont l-Artikolu 8(b).

L-awtorità trasmittenti kompetenti għandha titrasmetti l-applikazzjoni lill-awtorità riċevitur kompetenti fl-Istat Membru l-ieħor fi żmien 15il jum mir-riċeviment ta' l-applikazzjoni dovutement mimlija f'waħda mil-lingwi li jirreferi għalihom il-paragrafu 2, u d-dokumenti ta' sostenn, tradotti, fejn meħtieġ, f'waħda minn dawk il-lingwi.

[…]

6. L-Istati Membri jistgħu ma jitolbux ħlas għal servizzi mogħtija skont il-paragrafu 4. […]"

Id-dritt Ġermaniż

12 L-Artikolu 114(1) taż-Zivilprozessordnung (kodiċi tal-proċedura ċivili), fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem iż-"ZPO"), jiddisponi:

"Parti li minħabba ċ-ċirkustanzi personali u ekonomiċi tagħha ma tistax tħallas l-ispejjeż tal-proċeduri, jew tista' tħallashom biss parzjalment jew bin-nifs biss, għandha tirċievi għajnuna legali, wara talba, jekk l-azzjoni jew difiża intiża tagħha għandha biżżejjed prospetti ta' suċċess u ma tidhirx li hija frivola. Għal għajnuna legali transkonfinali ġewwa l-Unjoni Ewropea, għandhom japplikaw ukoll l-Artikoli 1076 sa 1078."

13 L-Artikolu 117 taż-ZPO jipprevedi:

"(1) It-talba għall-għoti tal-għajnuna legali għandha ssir lill-qorti li tkun qed tisma' l-kawża; […]

(2) Dikjarazzjoni mill-parti dwar iċ-ċirkustanzi personali u ekonomiċi tagħha (ċirkustanzi familjari, l-impjieg, il-kapital, id-dħul u l-obbligi) u dokumenti ta' sostenn korrispondenti għandhom jiġu annessi mat-talba. […]"

14 L-Artikolu 1076 taż-ZPO jistabbilixxi:

"Għal għajnuna legali transkonfinali ġewwa l-Unjoni Ewropea skont id-Direttiva [2003/8], l-Artikoli 114 sa 127a għandhom japplikaw sakemm ma jiġix ipprovdut mod ieħor iktar 'l isfel."

15 L-Artikolu 1078 taż-ZPO huwa redatt kif ġej:

"(1) Il-qorti li tisma' l-kawża jew il-qorti li teżegwixxi d-deċiżjoni għandha tkun kompetenti għal talbiet li jidħlu għal għajnuna legali transkonfinali. It-talbiet għandhom jitlestew bil-Ġermaniż u flimkien mad-dokumenti ta' sostenn irid ikun hemm traduzzjoni tagħhom bil-Ġermaniż.

[…]"

16 L-ewwel sentenza tal-Artikolu 184 tal-Gerichtsverfassungsgesetz (kodiċi tal-ġudikatura), fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali, huwa redatt kif ġej:

"Il-lingwa uffiċjali fil-qrati huwa l-Ġermaniż."

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

17 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, permezz ta' atti tal-24 ta' Settembru 2013 u tal-21 ta' Ottubru 2013, J. Šalplachta, li għandu d-domiċilju tiegħu fir-Repubblika Ċeka, adixxa lill-Arbeitsgericht Zwickau (qorti tax-xogħol ta' Zwickau, il-Ġermanja) b'rikors intiż sabiex Elektroanlagen & Computerbau tkun ikkundannata tħallsu arretrati fuq is-salarju. Fil-kuntest tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent fil-kawża prinċipali talab ukoll il-benefiċċju tal-għajnuna legali għall-proċedura fl-ewwel istanza.

18 Permezz ta' att tas-27 ta' Novembru 2013, ir-rikorrent fil-kawża prinċipali talab li l-għajnuna legali mitluba għandha tiġi estiża għall-ispejjeż ta' traduzzjoni għall-Ġermaniż ta' dokumenti relatati mad-dħul tiegħu u mal-kapital tiegħu, imwettqa minn aġenzija ta' traduzzjoni kummerċjali bbażata fi Dresden (il-Ġermanja).

19 Permezz ta' digriet tat-8 ta' April 2014, l-Arbeitsgericht Zwickau (qorti tax-xogħol ta' Zwickau) tat l-għajnuna legali għall-proċedura fl-ewwel istanza, filwaqt li rrifjutat li testendi din l-għajnuna għall-ispejjeż ta' traduzzjoni ta' dawn id-dokumenti.

20 Ir-rikors ippreżentat mir-rikorrent fil-kawża prinċipali kontra dan ir-rifjut ġie miċħud mil-Landesarbeitsgericht Chemnitz (qorti għolja tax-xogħol ta' Chemnitz, il-Ġermanja) permezz ta' deċiżjoni tal-15 ta' April 2015. Din il-qorti nnotat b'mod partikolari li, konformement mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/8, it-teħid ta' responsabbiltà tal-ispejjeż ta' traduzzjoni ta' dokumenti konnessi ma' talba għal għajnuna legali tiġi awtorizzata meta din it-talba titressaq quddiem l-awtorità trażmittenti fis-sens tal-Artikolu 13(1)(a) ta' din id-direttiva, jiġifieri l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih l-applikant għandu d-domiċilju tiegħu jew għandu r-residenza abitwali tiegħu. Min-naħa l-oħra, dawn id-dispożizzjonijiet ma jipprevedux għat-teħid ta' responsabbiltà tal-ispejjeż meta t-talba hija mressqa, bħal f'dan il-każ, direttament mal-awtorità riċeventi fis-sens tal-Artikolu 13(1)(b) ta' din id-direttiva, jiġifieri l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn il-qorti hija kkostitwita jew f'dak li fih id-deċiżjoni għandha tiġi eżegwita.

21 Barra minn hekk, skont din il-qorti, taħt l-Artikoli 114 u 1078 taż-ZPO, l-għajnuna legali tinkludi biss l-ispejjeż relatati mal-azzjoni ġudizzjarja. Għalhekk din l-għajnuna ma tkoprix l-ispiża tat-traduzzjoni ta' dokumenti intiżi li jiġu prodotti fil-kuntest tal-proċedura ta' eżami tat-talba għal għajnuna legali, sa fejn dawn l-ispejjeż huma kkunsidrati bħala inkorsi barra mill-proċedura kontenzjuża.

22 Ir-rikorrent fil-kawża prinċipali ppreżenta appell minn din id-deċiżjoni quddiem il-Bundesarbeitsgericht (qorti federali tax-xogħol, il-Ġermanja). Din il-qorti tikkunsidra li d-Direttiva 2003/8 ma tippermettix li jiġi ddeterminat b'mod ċar biżżejjed jekk, u sa liema punt, l-Istat Membru fejn il-qorti hija kkostitwita għandu jieħu responsabbiltà tal-ispejjeż ta' traduzzjoni ta' dokumenti konnessi għal talba għal għajnuna legali meta, bħal fil-kawża prinċipali, l-applikant għal għajnuna legali jkun huwa stess talab għat-traduzzjoni ta' dawn id-dokumenti u ressaq it-talba tiegħu direttament mal-qorti kompetenti fuq il-mertu, li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar din it-talba fil-kwalità tagħha ta' awtorità riċeventi fis-sens tal-Artikolu 13(1)(b) ta' din id-direttiva. Hija madankollu tinnota li r-rifjut sabiex l-għajnuna legali tiġi estiża għall-ispejjeż ta' traduzzjoni ta' dawn id-dokumenti, jekk wieħed jassumi li dan jikkostitwixxi restrizzjoni għall-aċċess ġudizzjarju effettiv, għandu għan leġittimu, jiġifieri li jeħles lit-teżor pubbliku tal-Istat Membru fejn il-qorti hija kkostitwita mill-ispejjeż li pjuttost għandhom jitħallsu mill-Istat Membru li fihom l-applikant għandu d-domiċilju tiegħu jew għandu r-residenza abitwali tiegħu.

23 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Bundesarbeitsgericht (qorti federali tax-xogħol), iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Id-dritt ta' persuna fiżika għall-aċċess effettiv għall-ġustizzja f'kawża transkonfinali fis-sens tal-Artikoli 1 u 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/8/KE, […] jeżiġi li l-għajnuna legali mogħtija mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tinkludi l-ispejjeż imħallsa mir-rikorrent għat-traduzzjoni tad-dikjarazzjoni u tad-dokumenti konnessi annessi mal-applikazzjoni għal għajnuna legali, meta r-rikorrent jippreżenta, kontestwalment mal-kawża, applikazzjoni għal għajnuna legali quddiem il-qorti li tieħu konjizzjoni tal-kawża, li hija wkoll kompetenti bħala awtorità riċevitur fis-sens tal-Artikolu [13(1)(b)] [ta' din id-direttiva], u meta huwa stess ikun ħa ħsieb li t-traduzzjoni inkwistjoni ssir?"

Fuq id-domanda preliminari

24 Permezz tad-domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikoli 3, 8 u 12 tad-Direttiva 2003/8, moqrija flimkien, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li l-għajnuna legali mogħtija mill-Istat Membru fejn il-qorti hija kkostitwita, li fiha l-persuna fiżika li għandha d-domiċilju tagħha jew ir-residenza abitwali tagħha fi Stat Membru ieħor tressaq talba għal għajnuna legali fil-kuntest ta' tilwima transkonfinali, tinkludi wkoll l-ispejjeż imħallsa bil-quddiem minn din il-persuna għat-traduzzjoni ta' dokumenti konnessi neċessarji għat-trattament ta' din it-talba.

25 Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, għandu jiġi rrilevat li, skont il-premessa 5, id-Direttiva 2003/8 hija intiża sabiex tippromwovi l-għoti ta' għajnuna legali f'tilwimiet transkonfinali fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, sabiex jiġi żgurat, lil kull persuna li ma jkollhiex riżorsi suffiċjenti, aċċess ġudizzjarju effettiv skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

26 Fil-fatt, hekk kif stabbilit mill-premessa 6 ta' din id-direttiva, la n-nuqqas ta' riżorsi finanzjarji ta' persuna parti mill-kawża, u lanqas id-diffikultajiet ikkawżati min-natura transkonfinali tat-tilwima, ma għandhom ikunu ta' ostakolu għal aċċess ġudizzjarju effettiv.

27 F'dan ir-rigward, jirriżulta minn din id-direttiva li l-ostakoli lingwistiċi ma għandhomx ifixklu l-possibbiltà ta' persuna li għandha d-domiċilju tagħha jew li għandha r-residenza abitwali tagħha fi Stat Membru differenti minn dak fejn il-qorti hija kkostitwita li tasserixxi d-drittijiet tagħha quddiem il-qrati ta' Stat Membru ieħor fejn il-lingwa tal-kawża ta' dan l-aħħar Stat Membru hija differenti minn dik tal-ewwel Stat Membru. Dan ir-rekwiżit jikkonċerna wkoll id-dokumenti u d-dokumenti ta' sostenn li, minħabba fin-natura transkonfinali tal-kawża, huma redatti f'lingwa differenti mil-lingwa tal-kawża u għaldaqstant għandhom ikunu suġġetti għal traduzzjoni.

28 F'dan il-kuntest, l-Artikolu 3(1) u (2) ta' din id-direttiva jiggarantixxi d-dritt lil kull persuna fiżika li hija parti minn tilwima transkonfinali fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali li tibbenefika minn għajnuna legali "xierqa".

29 Fir-rigward tal-proċedura għat-tressiq ta' talba għal għajnuna legali, sabiex jiġi żgurat aċċess ġudizzjarju effettiv, l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2003/8 jipprevedi li l-applikant għal għajnuna legali għandu żewġ għażliet, peress li jista' jressaq it-talba għal għajnuna legali jew lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih huwa jkollu d-domiċilju tiegħu jew ir-residenza abitwali tiegħu, li fl-Artikolu 13(1)(a) ta' din id-direttiva hija indikata bħala l-awtorità trażmittenti, jew lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn il-qorti hija kkostitwita jew fejn id-deċiżjoni għandha tiġi eżegwita, li fl-Artikolu 13(1)(b) ta' din id-direttiva hija indikata bħala l-awtorità riċeventi.

30 Għal dak li jirrigwarda il-portata tal-għajnuna legali, l-ewwel nett, l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2003/8 jiddisponi li din l-għajnuna hija kkunsidrata bħala "xierqa" meta din tiggarantixxi lill-applikant pariri ta' qabel il-litigazzjoni, assistenza legali u rappreżentanza fil-qorti, kif ukoll l-eżenzjoni jew it-teħid ta' responsabbiltà tal-ispejjeż legali, inklużi, fejn xieraq, spejjeż eventwalment sostnuti mill-parti l-oħra fil-każ li l-benefiċjarju tal-għajnuna legali jitlef.

31 Sussegwentement, konformement mal-Artikolu 7 ta' din id-direttiva, l-għajnuna legali mogħtija fl-Istat fejn il-qorti hija kkostitwita tinkludi l-ispejjeż direttament marbuta man-natura transkonfinali tal-kawża, jiġifieri l-ispejjeż ta' interpretazzjoni, l-ispejjeż ta' traduzzjoni ta' dokumenti meħtieġa mill-qorti jew mill-awtorità kompetenti u prodotti mill-benefiċjarju, li huma neċessarji għal soluzzjoni tat-tilwima, kif ukoll l-ispejjeż eventwali ta' vvjaġġar li l-applikant ikollu jsostni.

32 Fl-aħħar nett, l-Artikolu 8 ta' din id-direttiva, intitolat "Spejjeż koperti mill-Istat Membru tad-domiċilju jew residenza abitwali", jipprevedi li dan l-Istat Membru jieħu responsabbiltà tal-ispejjeż sostnuti fit-territorju tiegħu konnessi mal-assistenza ta' avukat lokali jew xi persuna oħra awtorizzata bil-liġi li tipprovdi pariri legali, sakemm it-talba għal għajnuna legali tkun ġiet riċevuta fl-Istat Membru fejn il-qorti hija kkostitwita, kif ukoll l-ispejjeż ta' traduzzjoni tat-talba għal għajnuna legali u tad-dokumenti konnessi neċessarji għat-trattament ta' dawn, meta t-talba tiġi mressqa mal-awtoritajiet tal-Istat Membru tad-domiċilju jew tar-residenza abitwali.

33 F'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju tiġġustifika din it-talba għal deċiżjoni preliminari minħabba fid-dubji tagħha dwar l-identifikazzjoni tal-Istat Membru li għandu jiżgura t-teħid ta' responsabbiltà tal-ispejjeż ta' traduzzjoni ta' dokumenti konnessi neċessarji għat-trattament tat-talba għal għajnuna legali fejn l-applikant għal għajnuna legali jkun għamel użu mill-għażla prevista fl-Artikolu 13(1)(b) tad-Direttiva 2003/8 billi jibgħat din it-talba direttament lill-awtorità riċeventi.

34 Għandu jiġi kkonstatat, fl-ewwel lok, li l-għajnuna legali li minnha tista' tibbenefika kull persuna fiżika li hija parti minn tilwima transkonfinali għandha tkun, skont it-termini użati mill-Artikolu 3(2) ta' din id-direttiva, "għajnuna xierqa" sabiex jiġi żgurat aċċess ġudizzjarju effettiv.

35 Madankollu, it-tressiq ta' talba għal għajnuna legali, kemm jekk quddiem l-awtorità trażmittenti jew quddiem l-awtorità riċeventi, hekk kif irrileva, essenzjalment, l-Avukat Ġenerali fil-punt 42 tal-konklużjonijiet tiegħu, jikkostitwixxi prekundizzjoni għall-garanzija ta' aċċess ġudizzjarju effettiv li din l-istess direttiva tfittex li tiżgura, konformement mal-Artikolu 47(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

36 F'dan il-kuntest, wieħed għandu jinnota li d-dokumenti konnessi mat-talba għal għajnuna legali huma, fis-sistema tad-Direttiva 2003/8, ta' importanza partikolari. Fil-fatt, konformement mal-Artikolu 5(1) ta' din id-direttiva, l-għajnuna legali hija mogħtija lill-persuni li huma parzjalment jew totalment mhux kapaċi jħallsu l-ispejjeż legali minħabba fis-sitwazzjoni ekonomika tagħhom. Skont l-Artikolu 5(2) ta' din id-direttiva, is-sitwazzjoni ekonomika ta' persuna hija evalwata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn il-qorti hija kkostitwita, u għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-elementi oġġettivi differenti bħalma huma d-dħul, il-kapital miżmum jew iċ-ċirkustanzi familjari. Għalhekk, sakemm l-applikant ma jibgħatx ċerti dokumenti li jikkonfermaw iċ-ċirkustanzi personali u finanzjarji tiegħu, it-talba għal għajnuna legali ma tistax tiġi aċċettata. Dawn id-dokumenti jikkostitwixxu għalhekk prerekwiżit għall-ksib ta' din l-għajnuna.

37 Fit-tieni lok, għandu jitfakkar li skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2003/8, moqri flimkien mal-premessa 23 ta' din, l-għajnuna legali tingħata jew tkun irrifjutata mill-Istat Membru fejn il-qorti hija kkostitwita, u dan "mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8" ta' din id-direttiva.

38 Madankollu, għall-finijiet tal-kawża prinċipali, għandu jiġi rrilevat li, konformement mal-Artikolu 8(b) ta' din id-direttiva, l-Istat Membru li fih l-applikant għal għajnuna legali għandu d-domiċilju tiegħu jew ir-residenza abitwali tiegħu jipprovdi l-għajnuna legali li hija neċessarja sabiex ikopri l-ispejjeż ta' traduzzjoni tat-talba għal għajnuna u tad-dokumenti konnessi neċessarji għat-trattament ta' din, "meta l-applikazzjoni tkun issottomessa lill-awtoritajiet f'dak l-Istat Membru".

39 F'dan il-kuntest, il-kjarifika li tinsab fl-aħħar sentenza tal-Artikolu 8(b) tad-Direttiva 2003/8 għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tirriflettix kundizzjoni li trid tiġi ssodisfatta fil-każijiet kollha mill-applikant għal għajnuna legali sabiex jibbenefika mill-kopertura ta' dawn l-ispejjeż, iżda li hija limitata għall-identifikazzjoni tas-sitwazzjoni fejn il-benefiċjarju jista' jikseb kopertura ta' dawn l-ispejjeż fl-Istat tad-domiċilju tiegħu jew tar-residenza abitwali tiegħu mingħajr ma jiġi eskluż tali teħid ta' responsabbiltà meta, bħal fil-kawża prinċipali, it-talba hija mressqa mill-Istat Membru fejn il-qorti hija kkostitwita.

40 Fi kliem ieħor, hekk kif irrileva, essenzjalment, l-Avukat Ġenerali fil-punt 53 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-Artikolu 8(b) tad-Direttiva 2003/8 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprevedi – bħala eċċezzjoni għar-regola ġenerali li teżiġi t-teħid ta' responsabbiltà mill-Istat Membru fejn il-qorti hija kkostitwita għall-ispejjeż relatati man-natura transkonfinali ta' tilwima – il-kopertura mill-Istat Membru tad-domiċilju jew tar-residenza abitwali tal-ispejjeż ta' traduzzjoni tat-talba għal għajnuna legali u tad-dokumenti konnessi neċessarji għat-trattament ta' dawn.

41 Fit-tielet lok, għandu jiġi kkonstatat li l-esklużjoni tat-teħid ta' responsabbiltà, mill-Istat Membru fejn il-qorti hija kkostitwita, tal-ispejjeż relatati mat-traduzzjoni ta' dokumenti konnessi neċessarji għat-trattament ta' talba għal għajnuna legali tmur kontra l-għanijiet imfittxija mid-Direttiva 2003/8, hekk kif imfakkra fil-punti 25 sa 27 ta' din is-sentenza, dwar l-aċċess ġudizzjarju effettiv f'tilwimiet transkonfinali, peress li dan jippenalizza lill-applikant għal għajnuna legali fil-każ li huwa jiddeċiedi li jippreżenta t-talba tiegħu għal għajnuna direttament mal-awtorità riċeventi.

42 Fil-fatt, hekk kif jirriżulta mill-punt 29 ta' din is-sentenza, l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2003/8 jipprovdi lill-applikant għal għajnuna legali l-għażla bejn żewġ alternattivi mingħajr l-ebda ġerarkija bejniethom, li tippermetti t-tressiq tat-talba tiegħu għal għajnuna legali quddiem l-awtorità trażmittenti jew quddiem l-awtorità riċeventi.

43 Issa, jekk l-ispejjeż relatati mat-traduzzjoni ta' dokumenti konnessi neċessarji għat-trattament ta' talba għal għajnuna legali tittieħed responsabbiltà tagħhom biss meta l-applikant għal għajnuna legali jindirizza lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tiegħu jew tar-residenza abitwali tiegħu, dan b'mod żbaljat iwassal sabiex il-ksib tal-għajnuna legali għal dawn l-ispejjeż ikun jiddependi mill-proċedura magħżula mill-persuna kkonċernata u għalhekk jintilef is-sens tal-Artikolu 13(1)(b) tad-Direttiva 2003/8, li jipprovdi l-possibbiltà li tressaq it-talba għal għajnuna legali direttament mal-awtorità riċeventi.

44 Barra minn hekk, hekk kif irrilevat mill-Avukat Ġenerali fil-punt 46 tal-konklużjonijiet tiegħu, tali esklużjoni aktarx li twassal għal soluzzjoni proċedurali iktar oneruża għall-applikant għal għajnuna legali. Fil-fatt, minflok jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu għal għajnuna legali direttament mal-qorti kompetenti li tisma' l-kawża fuq il-mertu, l-applikant ikollu jibda żewġ proċeduri separati, l-ewwel waħda quddiem il-qorti kompetenti tal-Istat Membru fejn il-qorti hija kkostitwita, sabiex jikkonforma mat-termini proċedurali, u t-tieni waħda quddiem l-awtoritajiet fl-Istat Membru tad-domiċilju tiegħu jew tar-residenza abitwali tiegħu, sabiex jikseb ir-rimbors tal-ispejjeż sostnuti fir-rigward tat-talba għal għajnuna legali.

45 Tali sitwazzjoni tikkostitwixxi għalhekk ostakolu għall-eżerċizzju tad-dritt ta' aċċess ġudizzjarju effettiv tal-persuna li hija parti f'tilwima transkonfinali li ma jkollhiex ir-riżorsi neċessarji sabiex tlaħħaq mal-ispejjeż tal-qorti u hija f'pożizzjoni iktar diffiċli minħabba n-natura transkonfinali ta' din it-tilwima.

46 Għandu jiġi wkoll ippreċiżat li d-Direttiva 2003/8 hija imsejħa, skont l-istess kliem tat-titolu tagħha, "biex ittejjeb l-aċċess għall-ġustizzja f'tilwimiet bejn il-konfini", billi tissostitwixxi s-sistema ta' kooperazzjoni fil-qasam tal-għajnuna legali stabbilita mill-Ftehim Ewropew tal-Kunsill tal-Ewropa dwar it-trażmissjoni ta' applikazzjonijiet għal għajnuna legali, iffirmat fi Strasbourg fis-27 ta' Jannar 1977, li kien jipprevedi għal mekkaniżmi ta' notifika u ta' trażmissjoni, mingħajr madankollu ma tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-portata tal-għajnuna legali fl-Istat fejn il-qorti hija kkostitwita.

47 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, ir-risposta għad-domanda preliminari għandha tkun li l-Artikoli 3, 8 u 12 tad-Direttiva 2003/8, moqrija flimkien, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-għajnuna legali mogħtija mill-Istat Membru fejn il-qorti hija kkostitwita, li fiha l-persuna fiżika li għandha d-domiċilju tagħha jew ir-residenza abitwali tagħha fi Stat Membru ieħor tressaq talba għal għajnuna legali fil-kuntest ta' tilwima transkonfinali, tinkludi wkoll l-ispejjeż imħallsa bil-quddiem minn din il-persuna għat-traduzzjoni ta' dokumenti konnessi neċessarji għat-trattament ta' din it-talba.

Fuq l-ispejjeż

48 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikoli 3, 8 u 12 tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/8/KE, tas-27 ta' Jannar 2003, biex ittejjeb l-aċċess għall-ġustizzja f'tilwimiet bejn il-konfini billi tistabbilixxi regoli komuni minimi konnessi ma' għajnuna legali għal tilwimiet bħal dawn, moqrija flimkien, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-għajnuna legali mogħtija mill-Istat Membru fejn il-qorti hija kkostitwita, li fiha l-persuna fiżika li għandu d-domiċilju tiegħu jew ir-residenza abitwali tiegħu fi Stat Membru ieħor ressaq talba għal għajnuna legali fil-kuntest ta' tilwima transkonfinali, tinkludi wkoll l-ispejjeż imħallsa bil-quddiem minn din il-persuna għat-traduzzjoni ta' dokumenti konnessi neċessarji għat-trattament ta' din it-talba.

Firem